MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 459/2002/1

**Citaz Nru: 459/02 JA.**

**Dr. Louis Deguara u martu Dr. Maria Deguara.**

**-vs-**

**Vijay Balani.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-19 ta' April, 2002 li permezz tieghu l-atturi talbu:

Illi bis-subasta numru 25/97 tas-6 ta' Gunju, 2000, l-atturi xtraw il-fond flat numru erbgha (4), Victoria Mansions, Triq l-Imhalla, Naxxar, proprjeta' tal-konvenut bil-prezz ta' tmintax-il

elf u mitt lira Maltin (Lm18,100) li kienet jappartjieni lill-konvenut;

Illi l-ammont tal-bejgh gie debitament depozitat u l-atti gew debitamet insinwati fis-7 ta' Novembru, 2000;

Illi l-konvenut m' ghandu ebda titolu validu fil-Ligi;

Illi l-konvenut baqa' jokkupa l-fond minghajr ebda titolu minkejja li gie debitament interpellat sabiex jizgombra l-fond, u ghalhekk kellhom jittiehdu l-odjerni proceduri;

Ghalhekk jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti ghalhiex m' ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut qed jokkupa l-fond fuq imsemmi flat numru erbgha (4), Victoria Mansions, Triq l-Imhalla, Naxxar, minghajr ebda titolu validu ai termini tal-Ligi;

2. tiffissa terminu qasir u perentorju li fih l-konvenut ghandu jizgombra mill-fond flat numru erbgha (4), Victoria Mansions, Triq l-Imhalla, Naxxar.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa ghas-subizzjoni u b' riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa fid-19 t' April, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut, debitament notifikat naqas li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu u kwindi baqa' kontumaci.

Rat id-digriet moghti fis-seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2003 li permezz tieghu l-Qorti cahdet it-talba tal-istess konvenut li jippresenta nota ta' l-eccezzjonijiet u l-verbal li permezz tieghu thalliet l-kawza ghall-llum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher mill-kopji tal-atti tas-subasta li gew presentati fl-atti tal-kawza hu car li l-atturi huma proprjetarji tal-fond in kwistjoni billi appuntu akkwistawh permezz tal-istess subasta.

Illi kif gia inghad il-konvenut ma’ prezentax eccezzjonijiet u kwindi huwa kontumaci f’ dawn il-proceduri. Kwindi l-provi prodotti mill-atturi ma gietx kontradetta.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti fil-kontumacja tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici u tidikjara li l-konvenut qed jokkupa l-fond imsemmi u cioe’ l-flat numru (4) erbgha go Victoria Mansions, Triq l-Imhalla, Naxxar minghajr titolu validu fil-Ligi u tordnalu biex jizgombra mill-istess fond fi zmien tlett (3) xhur millum. L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.**

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------